Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13/2023

**It-Tlieta 28 ta' Novembru, 2023**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fl-4:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku

Omar Elaref Arab – Viċi Sindku ***(online - daħal għall-laqgħa fl-16:50)***

Désirée Vella Brincat – Kunsillier ***(online)***

Charles Cesare – Kunsillier ***(daħal għall-laqgħa fl-16:55)***

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

13.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-kamra li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab kien infurmah li kellu jattendi ftit tard, filwaqt li l-Kunsillier Charles Cesare ukoll kellu jattendi tard.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 12/K8/2023.

13.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 12/K8/2023 kif ippreżentati.

13.2.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.2.4** ***Fl-16:50, il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ingħaqad fil-laqgħa.***

## 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/6709/23/I** RWP1-185223 - xogħol ta' bdil ta' mains tal-ilma tal-WSC.

**46/7382/23/I**

13.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/6709/23/I u 46/7382/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill, wara l-laqgħa li saret mal-WSC, għandu jibdel il-pożizzjoni tiegħu, u ma jsibx oġġezzjoni li jsir dan ix-xogħol. Il-kelliem informa lill-Kunsill li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mal-WSC fejn spjegaw l-importanza ta' dan ix-xogħol, dan wara li qiegħed kontinwament jirriżulta li jkun hemm ħsarat fl-akwata msemmija u għalhekk kien wasal iż-żmien li jinbidlu l-mains fl-akwata li jidher li qed jiddeterjoraw b'rata mgħaġġla. Il-kelliem informa lill-Kunsill li mal-entita` ddiskuta l-metodoloġija li għandha tiġi operata, inkluż li tingħalaq bankina qabel ma tinqala oħra fid-dawl tal-fatt li ż-żona hija sensittiva minħabba l-iskola primarja, il-bżonn li jieħdu ħsieb l-aċċessi għall-garaxxijiet u kwistjonijiet oħra li bħal bżonn li jfehmu lir-residenti dwar l-utilita` tax-xogħol meħtieġ.

13.3.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.3.4 ***Fl-16:55, il-Kunsillier Charles Cesare ingħaqad fil-laqgħa.***

**46/7304/23/I** Stima mingħand Maltapost plc biex jitqassam materjal bieb bieb fi żmien il-Milied relatat mal-attivita' tal-anzjani.

13.3.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7304/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa.

13.3.6 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7315/23/I** Proposta mingħand l-NGO Doninu bit-tehma - Naħdmu Flimkien, fejn qed jipproponu li l-Kunsill, fi żmien il-Milied, jipprovdi rigali għal tfal bi bżonnijiet speċjali.

13.3.8 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7315/23/I,** fejn informa lill-Kunsill li kien ser jipparteċipa fuq bażi personali fid-dawl li l-Kunsill ma jistax joħroġ fondi pubbliċi għall-inizjattivi simili.

**46/7318/23/I** Risposta mingħand l-operaturi tal-BCRS jinfurmaw lill-Kunsill li m'għandhomx ħsieb li jneħħu l-magna minn Triq Madre Margherita de Brincat minħabba li din hija koperta bil-permessi neċessarja.

13.3.9 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7318/23/I,** fejn ippropona l'issir laqgħa mal-operaturi. Il-kelliem fakkar li l-permess imsemmi kien jeħtieġ ukoll in-no objection tal-Kunsill, meta llum fil-fatt hemm oġġezzjoni għal raġunijiet ġustifikati.

13.3.10 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7344/23/I** Kampjun ta' tabella mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill b'regolamenti fuqha biex titwaħħal fl-entratura tal-ġonna pubbliċi.

**46/7598/23/I** Ilment dwar klieb u l-ħmieġ li jħallu warajhom fi Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

**46/7755/23/I** Kampjun ta' tabella b'regolamenti fuqha biex titwaħħal fl-entratura tal-ġonna pubbliċi.

13.3.12 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7344/23/I, 46/7598/23/I u 46/7755/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill japprova tabelli li jitwaħħlu fl-entraturi tal-playing field li fost oħrajn jindikaw li ma jitħallewx klieb fis-siti.

13.3.13 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7367/23/I** Rispons mingħand l-ERA dwar x'materjal qed jiġi propost li għandu jintuża għall-parkeġġ ta' biswit il-bajja ta' Pembroke.

**46/7391/23/I** Email mingħand NTM jissuġġerixxu li l-Kunsill Lokali jikkummissjona perit biex isiru pjanti għall-parkeġġ ta' biswit il-bajja u jkunu jistgħu jiġu ppreżentati lill-PA u l-ERA bħala l-awtoritajiet kompetenti. NTM irrimarkaw li huma biss il-maniġer tas-sit ikkuntrattat mill-ERA iżda s-sit ta' Pembroke 2000 huwa art pubblika u taħt ir-responsabbiltà tal-ERA bħala l-Awtorità kompetenti u għalhekk NTM se jappoġġja kull fejn ikun possibbli, b'hekk din il-kwistjoni tista' timxi 'l quddiem billi jkun hemm fondi tal-Gvern allokati lill-Kunsill Lokali biex jitlesta.

13.3.15 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7367/23/I u 46/7391/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa uffiċċjali mal-ERA minħabba li l-Kunsill mhux jaqbel mal-użu tal-unika materjal li l-ERA qed tgħid li huwa aċċettabbli.

13.3.16 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.17 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7398/23/I** Approvazzjoni mingħand TM biex tul Triq il-Mediterran isiru tabelli li jindikaw Speed Limit ta' 40km/h.

**46/7399/23/I** Approvazzjoni mingħand TM biex tiġi installata/mibnija road hump fi Triq il-Mediterran.

13.3.18 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7398/23/I u 46/7399/23/I** fejn ippropona li jiġi ordnat ix-xogħol meħtieġ.

13.3.19 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li bħalissa l-Kunsill m'għandu ebda kuntrattur biex jagħmel ix-xogħol tal-hot tarmac u għalhekk staqsa jekk il-Kunsill huwiex ser jagħmel użu minn kuntratturi ta' IM biex isir ix-xogħol abbażi tar-rati tal-framework agreement.

13.3.20 Is-Sindku Dean Hili żied li l-Kunsill għandu javviċina l-kuntratturi ta' IM li qed jagħmlu xogħol fi Triq Sant'Andrija, biex jagħmlu x-xogħol għall-Kunsill bir-rati tal-framework agreement li għandhom ma' IM bħal ma sar fil-każ tal-patching.

13.3.21 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.22 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7429/23/I** Komunikat mingħand l-Avukati tal-Kunsill dwar l-art fi Triq Tobruk li r-Red Cross qed jingħad li għandhom xi tip ta' konċessjoni fuqha.

**46/7557/23/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili dwar l-art fi Triq Tobruk li r-Red Cross qed jingħad li għandhom xi tip ta' konċessjoni fuqha.

13.3.23 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7429/23/I u 46/7557/23/I** fejn informa lil Kunsill li fil-ġimgħat li għaddew huwa xehed Qorti fil-konfront tar-Red Cross dwar l-użu illegali tal-art fi Triq Tobruk fejn fost affarijiet oħra ssemma l-fatt li Red Cross illum għandhom xi drittijiet fuq l-istess art. Il-kelliem irrimarka li rappreżentant tal-Awtorita' tal-Artijiet fil-fatt ikkonferma li dan ma kienx minnu u li sa issa, hemm biss email mic-CEO tal-istess Awtorita' li b'email jidhirlu li hu f'pożizzjoni jikkonċedi drittijiet fuq artijiet pubbliċi. Fiċ-ċirkostanzi il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Avukati tal-Kunsill sabiex jaġixxu b'tentattiv sabiex tinġieb din l-art lura għall-użu tal-pubbliku u għalhekk il-Kunsill għandu jkompli jesplora l-possibilitajiet magħhom, inkluż jekk ikun il-każ, li jinfetaħ każ quddiem il-Qorti ta' Malta.

13.3.24 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.25 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7457/23/I** Email mingħand il-Perit ta' IM, b'emendi għall-bus shelter ta' Triq Gabriele Henin.

13.3.26 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7457/23/I,** fejn ippropona li dan jiġi approvat.

13.3.27 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.28 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7460/23/I** Notifika mingħand il-PA li PA03551-23 – upgrading ta' Ġnien San Patrizju, fejn reġgħet ġiet ri-attivata' mill-Perit tal-Kunsill.

13.3.29 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7460/23/I,** fejn ġab dan għall-attenzjoni tal-membri.

**46/7466/23/I** Ilment mingħand residenta dwar overspeeding fi Triq Normandy.

13.3.30 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7466/23/I,** fejn ippropona li r-resident jiġi nformat li dan il-Kunsill diġa ġabu għall-attenzjoni ta' TM b'mod partikolari sabiex jutilizzaw l-uffiċjali li qiegħed ikun hemm fuq il-post biex jitrażżan dan l-abbuż.

13.3.31 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.32 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7505/23/I** Kummenti mingħand l-Inginier tar-Reġjun Lvant dwar il-bandla għall-persuni bi bżonnijiet speċjali li hemm fi Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

13.3.33 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7505/23/I,** fejn ippropona li l-każ għall-Kunsill huwa magħluq peress li ser issir tabella indikattiva.

13.3.34 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.35 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7547/23/I** Email mingħand Anton Zarb għall-provvista ta' flanged bollard biex titpoġġa fi Triq Falaise minflok dik l'iġġarfet wara aċċident stradali li kien hemm.

**46/8064/23/I** Email mingħand Anton Zarb għall-provvista ta' bollard biex titpoġġa fil-bidu tal-passaġġ li hemm bejn Triq Patri Serafin Zarb u Triq Alamein, minflok dik l'iġġarfet wara aċċident stradali li kien hemm.

13.3.36 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7547/23/I u 46/8064/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa, b'riserva li l-Kunsill jitlob rimborż tal-ispejjeż. Il-kelliem żied li hemm każ ieħor fi Triq Patri Serafin Zarb li ukoll iġġarraf bollard u hemm stima mingħand l-istess kumpanija fejn ippropona li għandha tiġi milqugħa.

13.3.37 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.38 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7628/23/I** Stima mingħand Mica Med Ltd biex jinbidel globu l'iġġarraf fil-pjazzetta ta' bejn Blokki 9-11, Triq Pietru Darmenia, kif ukoll stima biex il-globi li hemm bejn sit A1 – A4 u A5 – A11, jinbidlu għall-LED.

13.3.39 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7628/23/I,** fejn ippropona li tiġi approvata din in-nefqa.

13.3.40 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.41 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7652/23/I** Email mingħand resident jitlob li l-ħin tad-dawl tal-multi purpose court li hemm fi Ġnien 4 ta' Lulju, jitwal minħabba li qed jintefa kmieni wisq.

13.3.42 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7652/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill iżomm il-ħinijiet preżenti għal raġunijiet li diġa ġew diskussa f'laqgħat preċedenti.

13.3.43 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.44 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7664/23/I** Email mingħand il-Perit tal-Kunsill jinforma lill-Kunsill li ma ġew ppreparata ebda detailed/working drawing relatata mat-tender tal-upgrading tal-latrini ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta.

13.3.45 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7664/23/I,** fejn ippropona li għalkemm il-Kunsill huwa konxju li dak mitlub ma ġiex provdut mill-perit tal-Kunsill, biex ma jinħelix iktar ħin, il-Kunsill ma jistax jibqa' jistenna u għalhekk il-proċess għandu jitkompla.

13.3.46 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.47 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7677/23/I** Email b'ilment li fi Triq Alamein, fis-snin riċenti tħawwlu siġar tal-prinjol f'posijiet li mhux ser jikbru sewwa.

13.3.48 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7677/23/I,** fejn ippropona li dan l-ilment jiġi mgħoddi lill-kuntrattur tal-Kunsill biex naraw jistgħux jinqalgħu u jinstabilhom post alternattiv fil-lokal. Il-kelliem żied ukoll li dwar siġar oħra li qed jitħawlu fil-lokal, il-Kunsill għandu jagħmel kuntatt mas-sur Mark Galea Pace fejn filwaqt li għandu jiġi ringrazzjat tax-xogħol u l-isforzi tiegħu, għandu jiġi nformat formalment li qabel iħawwel aktar siġar, għandu l-ewwel jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-kelliem irrimarka li din il-kwistjoni diġa kien tkellimha miegħu personalment.

13.3.49 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fl-aħħar email li s-sur Galea Pace bagħat lil NTM b'kopja lill-Kunsill, is-sur Galea Pace irrimarka li ***"żgur mhux ser ineħħi dawn is-siġar kollha qabel Jannar 2024"*** kif ukoll li ***"This has all been instigated by ONE person who (quote), has been bullying Vincent & NTM, has personal interest in that area and has a hidden political agenda (which I will not disclose for now)".*** Fid-dawl ta' dan il-kelliem irrakkomanda li l-Kunsill jitlob lis-sur Galea Pace biex jikkonferma jew jinnega jekk dak li qed jallega huwiex fil-konfront ta' xi membru tal-Kunsill Lokali Pembroke jew le.

13.3.50 Fid-dawl ta' dan is-Sindku Dean Hili ippropona li s-sur Galea Pace għandu jintalab jikkonferma li dak li intqal mhux dirett lejn il-membri tal-Kunsill jew xi ħadd mill-amministrazzjoni tal-Kunsill.

13.3.51 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.52 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7681/23/I** Kwotazzjoni mingħand ESS għall-provista ta' Christmas Nativity Scene li jixgħel b'LED.

13.3.53 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7681/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din in-nefqa.

13.3.54 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.55 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7701/23/I**
**46/7915/23/I** Talba għall-permess mingħand persuna biex tħawwel numru ta' siġar faċċata tal-Pembroke Racket Tennis Club, biswit Triq Juno.

13.3.56 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7701/23/I u 46/7915/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-inizjattiva kemm-il darba l-kuntrattur tal-Kunsill jattendi fuq il-post u jara li s-sit huwa vijabbli, u jkun magħhom ukoll waqt it-tħawwil tas-siġar.

13.3.57 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.58 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.3.59 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona li l-Kunsill għandu jieħu parir tal-kuntrattur tal-Kunsill dwar kif jistgħu jinżabru s-siġar li hemm bejn Triq Juno u Triq Adeodata Pisani minħabba li kibru ħafna u fir-riħ jidher li huma ta' periklu li jinqasmu.

13.3.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7707/23/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili dwar nuqqas ta' rispons dwar il-possibilita' ta' binja li tospita berġa fil-lokal.

13.3.61 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7707/23/I,** fejn informa lill-Kunsill li riċentament reġa` tkellem ma' rappreżentant tal-Ministeru tal-Edukazzjoni fil-preżenza tal-Ministru nnifsu li għal darb'oħra wera` d-disponibilita` li jgħin, għad li din il-ġimgħa mill-ġdid reġa' nqala xogħol ieħor li ħa preċedenza fil-Ministeru. Minkejja kollox u sabiex il-Kunsill iżomm l-għażliet tiegħu miftuħa, il-kelliem ippropona li l-Kunsill mill-aktar fiss jitlob laqgħa mal-kappillan il-ġdid sabiex jingħata merħba, u anke sabiex tiġi diskussa din il-kwistjoni.

13.3.62 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.63 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7770/23/I** Stima mingħand il-kuntrattur tal-Kunsill J&K Contractor biex jissewwa ħajt l'iġġarraf minn vettura fi Triq Alamein.

13.3.64 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7770/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima bid-dritt li jitlob ir-rimborż ta' tali spejjeż.

13.3.65 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.66 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7870/23/I** Ċir. AKL 2023-105 – Tiġdid tal-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa 2024.

13.3.67 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7870/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-ispiża u tkopri lill-membri kollha tal-Kunsill.

13.3.68 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.69 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7872/23/I** Talba minn resident li joqgħod Triq Mikiel Anġ Grima biex jingħata l-permess jaqla l-bankina ta' quddiem il-propjeta' tiegħu u titbaxxa quddiem l-entratura tal-garaxx.

13.3.70 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7872/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika din id-deċiżjoni.

13.3.71 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.72 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7898/23/I** Email mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon jipproponi l'issir communal parking for disabled fi Triq Patri Serafin Zarb fin-nofs ta' quddiem Blokk 7.

13.3.73 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7898/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa din it-talba.

13.3.74 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.75 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7917/23/O**
**46/7924/23/I** Applikazzjoni PA/07127/23 – Estenzjoni tal-faċilitajiet tal-iskola San Miguel Primary Education

13.3.76 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7917/23/O u 46/7924/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

13.3.77 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.78 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7945/23/I** Notifika mingħand l-AKL fejn infurmaw lill-Kunsill li dwar l-iskema tar-Residents Parking, meta jerġa' jinfetaħ il-proċess minn TM, fejn bħalissa qed jiġu diskussa l-linji gwida, ikun mistenni mill-Kunsill li minbarra r-residenti, issir kunsultazzjoni ukoll ma' stakeholders oħra li hemm fil-madwar.

13.3.79 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7945/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill jieħu nota tar-risposta riċevuta u jagħmel dak li hu minnu mitlub meta dan ikun possibbli. Min-naħa l-oħra, il-kelliem irrimarka li ma jistax ma jiġix irrimarkat li huma l-istakeholders li qiegħdin jitfgħu pressjoni fuq din iż-żona u għalhekk ftit li xejn hemm tama għas-soluzzjonijiet.

13.3.80 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.81 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7969/23/I** Talba mingħand żviluppatur li għandu propjeta' fi Triq il-Mediterran k/m Triq il-Fortizza, fejn qed jitlob il-permess tal-Kunsill biex meta jkollu nġenji kbar bħal krejn jew pompa tal-konkos, ikun jista' jpoġġi s-saqajn fuq parti mill-bankina.

13.3.82 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7969/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal dan bil-kundizzjoni li fuq il-permess ikollu lista ta' kondizzjonijiet li ġa ġew iċċirkolati fuq l-email li kienu (a) fil-parti ta' quddiem il-propjeta' tiegħu fi Triq il-Fortizza jista' jostakola l-bankina billi jpoġġi saqajn tal-makkinarju u mhux itella makkinarju fuqha inkluż li jitħalla aċċess liberu ta' mhux anqas minn żewġ metri minn fejn jgħaddu n-nies minn fuq il-bankina, (b) meta ser isir xogħol fi Triq il-Mediterran il-kuntrattur irid jaħdem fi spazju li ma jeċċediex parking bay, bil-bżonn t'uffiċjal jekk ikun il-każ, (ċ) ma jitħalla ebda makkinarju fil-kantuniera jew fejn hemm id-double yellow lines eżistenti, (d) l-iżviluppatur flimkien mal-

kuntrattur tiegħu huma responsabbli li jaraw li ma jikkawżaw ebda periklu għall-vetturi u t-traffku fl-akwata, u (d) l-iżviluppatur qed jobbliga ruħu li jagħmel reinstatement tal-bankina kollha li hemm tul il-propjeta' tiegħu fuq iż-żewġ naħat tat-triq skond rekwiżiti li jpoġġi l-Kunsill bil-finish irid ikun simili għal dak li hemm preżentament. Il-kelliem żied li din il-konċessjoni qed ssir biss għal din il-parti ta' Triq il-Fortizza fejn il-bankina tippermetti, anke sabiex min jagħmel użu mit-triq ikollu vista aħjar fil-kantuniera u li min jidħol fi Triq il-Fortizza minn Triq il-Mediterran ma jkollux għalfejn imur wrong side minħabba l-inġenji li ma joqgħodux fuq spazju ta' kaxxa bajda. Is-Sindku Dean Hili żied ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg kien iddikjara li huwa m'għandu ebda interess dirett jew indirett mal-iżvilupp li qed isir.

13.3.83 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.84 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/7978/23/I** Rapport mill-Awditur Ġenerali dwar il-Kunsilli Lokali għas-sena 2022.

13.3.85 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/7978/23/I,** fejn informa lill-Kunsill biex jieħu nota tar-rapport li ma semma l-ebda irregolarita` fil-konfront tal-Kunsill Lokali Pembroke.

13.3.86 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li fl-aħħar xhur u snin, il-Kunsill kontinwament kien qed ikollu diversi lmenti dwar id-dawl li hemm idawwar Ġnien Clifford Micallef kif ukoll id-dawl li hemm fil-madwar u f'Sit B li jkopri Triq Pietro Rossell u parti minn Triq Pietru D'Armenia. Għalhekk fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jitlob stima lill-kuntrattur tal-Kunsill biex madwar Ġnien Clifford Micallef jiġi nstallat dawl simili għal li sar f'Sit F, u rigward Sit B, tul Triq Pietru D'Armenia isir street lighting normali billi tinbidel ukoll il-bankina permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill, u fi Triq Pietro Rosell u bejn il-blokki, l-kuntrattur tal-Kunsill tad-dawl jintalab stima biex issir sistema ġdida b'sistema ta' lanterni li jeħlu mal-ħitan f'għoli ta' sular u l-cables jgħaddu minn fuq il-lavur u għalhekk fil-maġġoranza tagħhom ma jkunux jidhru.

13.3.87 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.88 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.3.89 Is-Sindku Dean Hili li wara Blokk 1 St Patricks, viċin il-klabb tal-Melita FC, issir tabella li ma jistax isir camping fiż-żona.

13.3.90 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.91 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8066/23/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Omar Arab jinforma lill-Kunsill bl-intenzjonijiet tiegħu li jkompli jservi wara r-rakkomandazzjoni li saret mill-Kunsill fil-laqgħa preċedenti.

13.3.92 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/8066/23/I,** li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab bagħat ftit qabel bdiet il-laqgħa, liema kontenut juri li huwa jixtieq ikompli bis-servizz tiegħu u għalhekk ippropona li din għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Ministru, u dan fid-dawl tar-rakkomandazzjoni li għamel il-Kunsill fil-laqgħa preċedenti, bl-iskop li kwalinkwa deċiżjoni li ser jieħu l-Ministru għandha tittieħed ukoll fuq il-kontenut tagħha.

13.3.93 Il-Kunsillier Charles Cerase issekonda.

13.3.94 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/8065/23/I** Email mingħand l-MTA jirrakkomandaw li l-faċilitajiet ta' Ġnien Pembroke, li huwa amministrat minnhom, jibdew jingħalqu aktar kmieni forsi jonqos il-vandaliżmu li qed ikun hemm fil-post.

13.3.95 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/8065/23/I,** fejn ippropona li l-Kunsill jaqbel ma' dak propost, imma l-ħin tas-Sajf għandu jiżdied b'siegħa oħra.

13.3.96 Il-Kunsillier Charles Cerase issekonda.

13.3.97 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

13.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 13.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

13.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 15/2023** - Rapport dwar xogħlijiet li saru mill-kuntrattur Jake Borg **(Ara Dok 1)**
- **Internal Memo 16/2023** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 12/K8/23 u 13/K8/23 **(Ara Dok 2)**
- **Internal Memo 17/2023** - Kwotazzjonijiet ghall-barrier u fire alarm **(Ara Dok 3)**

13.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 16/2023** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

13.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.6 Proposti għall-Estimi Finanzjarja tas-sena 2024 u għall-Pjan ta' Ħidma 2024 – 2028.

13.6.1 Is-Sindku Dean Hili stieden lill-membri biex iressqu l-proposti tagħhom għall-Estimi Finanzjarja tas-sena 2024 u għall-Pjan ta' Ħidma 2024 – 2028. Huwa irrimarka li l-Kunsill għandu jiproġetta l-proġett ta' San Patrizju, u street lighting ġdid.

13.6.2 Ma kien ebda rispons ieħor mill-membri preżenti.

13.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għamel referenz agħal-Artiklu 70.(1) tal-Att fejn jindika li l-Kunsilli Lokali għandhom isejħu żewġ laqgħat annwali tal-lokalità – (a) laqgħa annwali li għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' Diċembru ta' kull sena sabiex jippreżentaw l-estimi finanzjarji qabel il-laqgħa tal-Kunsill li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena

finanzjarja li tkun ġejja; u(b) laqgħa annwali oħra sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' April ta' kull sena fejn fiha jippreżenta r-rapport amministrattiv, ir-rapporti finanzjarji u l-Pjan ta' Ħidma. Fid-dawl ta' dan il-kelliem talab lill-Kunsill jindika meta hemm il-ħsieb l'issir din il-laqgħa.

13.6.4 Is-Sindku Dean Hili ippropona li din il-laqgħa għandha tinżamm nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2023 fil-17:00.

13.6.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.6.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.7 Kwotazzjoni għal-barrier u fire alarm.

**46/4290/23/I** Kwotazzjoni mingħand Fire Tech għall-provista u l-installazzjoni ta' access barrier għall-parkeġġ tal-Kunsill.

**46/4781/23/I** Kwotazzjoni mingħand Global Tech għall-provista u l-installazzjoni ta' access barrier għall-parkeġġ tal-Kunsill.

**46/7631/23/I** Kwotazzjoni mingħand Alberta għall-provvista u l-installazzjoni ta' access barrier għall-parkeġġ tal-Kunsill.

**46/7765/23/I** Kwotazzjoni mingħand J.Grima & Co Ltd għall-provvista u l-installazzjoni ta' access barrier għall-parkeġġ tal-Kunsill.

**46/7696/23/I** Kwotazzjoni mingħand Ben Malta Ltd għall-provvista u l-installazzjoni ta' access barrier għall-parkeġġ tal-Kunsill.

**46/8047/23/I** Kwotazzjoni mingħand SecureTech għall-provvista u l-installazzjoni ta' access barrier għall-parkeġġ tal-Kunsill.

**46/7105/23/I** Kwotazzjoni mingħand SecureTech għall-provista u l-installazzjoni ta' fire Alarm.

**46/7584/23/I**
**46/7665/23/I** Kwotazzjoni mingħand J. Grima Co. Ltd. għall-provista u l-installazzjoni ta' fire Alarm.

**46/7590/23/I** Kwotazzjoni mingħand Fire Tech għall-provista u l-installazzjoni ta' fire Alarm.

**46/7184/23/I** Email mingħand Alberta għall-provista u l-installazzjoni ta' fire Alarm, jinfurmaw lill-Kunsill li ma jistgħux jagħtu stima.

13.7.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-istimi miġbura fejn ippropona li jiġu approvata dawk li jaqblu mar-rekweżiti tal-Kunsill.

13.7.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.8 Bdil fil-kompożizzjoni tal-Bord tal-Għażla.

13.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa preċedenti fejn il-Kunsill irrakkomanda lill-Ministru biex is-siġġu tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab jiġi dikjarat bħala vakant, u fid-dawl li l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab kien membru fuq il-Bord tal-Għażla tal-offerti, wara konsultazzjoni mal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab u fuq aċċetazzjoni tiegħu,

il-kelliem ippropona li l-post tiegħu għandu jiġi sostitwit u jiġi okkupat mill-Kunsillier Charles Cesare.

13.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

13.9.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 5, 6, 7, 8, 9 u 10)**

13.9.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat, fejn minbarra l-kont tal-Yama Yami għax-xahar ta' Ġunju peress li s-superviżjoni mhux issir kif mistenni inkluż li ritratti mitluba tax-xogħlijiet li saru fix-xahar indikat, għadhom ma waslux, magħhom jiżdiedu ukoll, il-kont ta' ta' Paul Magri minħabba kontestazzjoni li qed jagħmel il-Kunsill, Annimal Health & Welfare Department u Enemalta.

13.9.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.9.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.10 Mozzjonijiet.

13.10.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 13.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.11.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fis-19:30 wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 14 ta' Diċembru 2023 fl-5:30pm.

**Konfermati, illum 14 ta' Diċembru, 2023**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 15/2023**

**15 ta' Novembru 2023**

# Rapport dwar ħlasijiet lill-kuntrattur Jake Borg

| | |
|---|---|
| **Ħlas iċċertifikat** | |
| Rapport skond il-Perit tal-Kunsill - Triq Burma | 26,911.26 |
| Rapport skond il-Perit tal-Kunsill - Triq Tobruk | 771.25 |
| Rapport skond il-Perit tal-Kunsill - Triq Giacchino Le Brun | 404.91 |
| Rapport skond il-Perit tal-Kunsill - Triq ANZAC | 3,355.80 |
| Rapport skond il-Perit tal-Kunsill - Triq Suffolk | 25,698.29 |
| | |
| **Tnaqqis** | |
| Ħsarat – Railing tal-Kunsill (16.20mtr @€250/mtr | (4,050.00) |
| Bonnici Bros – Servizz t'uffiċjali | (792.96) |
| Solidbase Laboratory Ltd – testijiet tat-tarmak | (1,358.18) |
| Ħsarat - Audrey Ann Fenech 75% | (349.06) |
| Ħsarat - Dinesh Godhwani 75% | (56.25) |
| Ħsarat - Michelle Camilleri 75% | (1,078.50) |
| Ħsarat - Connie Tanti 75% | (150.00) |
| **Bilanċ dovut** | **49,306.56** |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

Sindku : Avv. Dean Hili   Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 16/2023** **28 ta' Novembru 2023**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 12/K8/23 u 13/K8/23

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 183 | 2023 | B. Grima and Sons | Tlabna jsiru Tabella fil-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta li tindika li l-bandla għall-persuni b'diżabilita' għandha tintuża biss minn persuni li jagħmlu użu minn siġġu tar-roti |
| 184 | 2023 | B. Grima and Sons | Tlaabna sabiex jinbidlu it-tabelli tal-parkeġġ riservat għall-persuni b'diżabilita' fi Triq Martin Luther King. |
| 185 | 2023 | J & K Contractors Ltd | Tlabna jirrenġa kurduna tal-bankina fi Triq Martin Luther King. |
| 187 | 2023 | Knisja Kristu Rxoxt | Tlabna biex il-Kunsill jaghmel użu mis-sala tal-Knisja nhar it-Tlieta19 ta' Diċembru 2023 mis-6.30pm 'il quddiem, sabiex issir l-attivita' għall-anzjani tal-lokal għall-prezz ta' €150.00. |
| 188 | 2023 | Maltapost Plc | Tlabna jitqassam bieb bieb flyer tal-Kunsill Lokali Pembroke għall-prezz ta' €99 (Attivita' tal-Milied) |
| 190 | 2023 | Christopher Falzon | Servizz tiegħek għal BBQR fuq Tenders mill-03 sa 08. Kif ukoll tlabna li jkun parti mill-bord ta' evalwazzjoni. |
| 193 | 2023 | J&K Contractors | Tlabna biex issir patching ġewwa Triq Manuel Buhagiar u Triq Fra Francesco Wizzino |
| 194 | 2023 | Zammit Trading Ltd. | Għamilna ordni ta' 2 kaxxi Z-fold white towels |
| 195 | 2023 | Mica Med | Tlabna jirrenġa lampa W048 ġewwa Triq Adelaide Cini |
| 196 | 2023 | Mica Med | Tlabna jirrenġa lampa W154 ġewwa Triq Don Luigi Rigord |
| 197 | 2023 | Mica Med | Tlabna jirrenga lampa mitfija bi numru W044 fi Triq il-Fortizza ma' dar 28 |
| 198 | 2023 | GreenPak | Infurmajnihom li l-Kunsill qed jawtorizza s-servizz ta' konnessjoni tal-internet sabiex tkun tista' taħdem is-sistema ta' CCTV camera ta' Triq Gabriele Henin għall-prezz ta' €29.50 kull xahar |
| 199 | 2023 | Mica Med | Tlabna tiġi ranġata lampa Y124 ġewwa Triq il-Mediterran |
| 200 | 2023 | B. Grima and Sons | Tlaba isiru 3 tabelli ta' CCTV's (skond l-artwork anness li jrid jiġi emendat billi jiżdied Pembroke u l-logo tal-Kunsill) u |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | jiġu nstallata fejn l-IBins ta' Triq il-Mediterran, Triq Gabriele Henin u Triq Pietru D'Armenia. |
| 201 | 2023 | B. Grima and Sons | Isiru 2 tabelli nformattivi fl-entratura tal-Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta u 4 ta' Lulju. |
| 202 | 2023 | ESS | Tlabna jissupplixxu xena tal-Milied ghall-barra. |
| 203 | 2023 | Mica Med | Tlabna biex jiġu iċċekjatti l-lampi tal-blokka Triq Pietro Rossell, peress l-area tinsab mitfija |
| 204 | 2023 | Urban Play Solutions | Tlabna biex issir manutenzzjoni fuq ż-żuqżiea ta' tfal fil-ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta |
| 205 | 2023 | J&K Contractors | Tlabna biex jiġi rranġat ċint ġewwa Triq Alamein c/w Triq Patri Serafin Zarb |
| 206 | 2023 | Mica Med | Tlabna biex jiċċekja d-dawl tal-Blk A1 sa Blk A4 peress l-area tinsab mixawla ġurnata kollha, kif ukoll jiċċekja lampi dekorativi li hemm mitfija |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 17/2023** **28 ta' Novembru 2023**

# Kwotazzjonijiet għal-access barrier u fire alarm

| Dettalji tal-kumpanija – Access barrier | Inkluż il-Vat |
|---|---|
| **Firetech**<br>99, Triq il-Mitħna, Qormi, QRM 3100. | 2,533.76 |
| **Global Tech**<br>Triq Bellavista, San Ġwann, SGN 2698. | Option A – 3,481.13<br>Option B - 3,952.14 |
| **J. Grima & Co. Ltd.**<br>130, Triq Pġsaila, B'Kara, BKR9077. | 3,634.85<br>Various other extras |
| **BEN Malta Limited** | 2,550.00<br>Intercom and remotes not included |
| **SecureTech**<br>26, Triq Esmeralda Velleran, Fgura, FGR 1900. | 2,590.10<br>Intercom and camera not included |
| **Alberta** | 3,143.84 |

| Dettalji tal-kumpanija – Fire alarm | Inkluż il-Vat |
|---|---|
| **SecureTech**<br>26, Triq Esmeralda Velleran, Fgura, FGR 1900. | 383.50 |
| **J. Grima & Co. Ltd.**<br>130, Triq Pġsaila, B'Kara, BKR9077. | 985.75 |
| **Firetech**<br>99, Triq il-Mitħna, Qormi, QRM 3100. | 500.81 |
| **Alberta** | refused to quote |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg